MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Rikors Numru. 715/2010

**Lay Lay Co. Limited**

***kontra***

**(1) Peter Paul Darmanin fil-kwalita` tieghu qua likwidatur ta` Alsan Enterprises Company Limited (C-17683);**

**u**

**(2) Ir-Registratur tal-Kumpannji**

**u**

**b`digriet tal-1 ta` Novembru 2010 Modern Design Properties Limited (C-14871) u Polidano Holdings Limited (C-15143) intervjenew fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fis-<u>16 ta` Lulju 2010</u> li jaqra hekk –

*Illi s-socjeta` esponenti saret taf ricentement u fil-mori ta` wahda mill-kawzi li fiha hemm bhala socjeta` konvenuta s-socjeta` Alsan Enterprises Company Limited li din giet `struck off` mir-Registratur tal-Kumpanniji ricentement ;*

*Illi a tenur tal-Artikolu 300B tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, is-socjeta` esponenti ghandha kull interess li l-isem ta` din il-kumpannija tigi restitwita fir-Registru tal-Kumpanniji, kif ukoll li l-process tal-istralc jerga` jinfetah u dana billi f`numru ta` kawzi mressqa mis-socjeta` Lay Lay Co. Limited hemm bhala socjeta` konvenuta s-socjeta` Alsan Enterprises Company Limited (ara rikorsi mahlufa bin-numri 124/2010/GC; 747/2006/RCP; 773/2005/RCP) ;*

*Illi s-socjeta` esponenti tirrileva wkoll li hija qatt ma giet infurmata li kien ghaddej il-process ta` likwidazzjoni tal-kumpannija intimata ;*

*Illi dan hu l-uniku rimedju li ghandha s-socjeta` esponenti fic-cirkostanzi u dana billi ai fini ta` integrita` ta` gudizzju u eventwali ta` xi sentenza li s-socjeta` esponenti tista` fil-proceduri suindikati hi tottjeni a favur taghha hemm il-htiega li l-isem ta` din il-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited tigi restitwita fir-Registru ;*

*Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti umilment titlob li, ghar-ragunijiet suindikati, din l-Onorabbli Qorti joghgobha fl-ewwel lok tordna li isem il-kumpannija suindikata jkun restitwit fir-registru tal-kumpanniji u fit-tieni lok li l-istralc in konnessjoni ma` din il-kumpaniji jerga` jinfetah.*

*Salv kull provvediment iehor li joghgobha taghti din il-Qorti skond il-ligi.*

Rat ir-risposta guramentata tar-Registratur tal-Kumpanniji prezentata fit-3 ta` Settembru 2010 li taqra hekk –

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali tal-kawza, peress illi l-konvenut Registratur mhux edott mill-fatti huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju tal-Qorti ;*

*Illi l-konvenut Registratur ihoss illi l-interess tieghu f`din il-kawza ghandu jikkoncerna fl-ewwel lok dak li ghandu x`jaqsam ma` l-operat tieghu bhala Registratur tal-Kumpanniji kif mitlub mil-ligi, partikolarment fejn jikkoncerna r-registrazzjoni ta` dokumenti li jkunu mehtiega li jigu konsenjati jew notifikati lilu ghar-registrazzjoni skond xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta` l-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*Illi f`dan ir-rigward fil-11 ta` Awissu 2006 il-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited (C-17683) ikkonsenjat lir-Registratur ghar-registrazzjoni avviz tar-rizoluzzjoni mehuda mill-istess kumpannija ghax-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha b`effett mill-11 ta` Awissu 2006. Illi fl-istess gurnata l-kumpannija baghtet ukoll ghar-registrazzjoni dikjarazzjoni tad-direttur illi wara li ghamel stharrig shih fl-affarijiet tal-kumpannija kien tal-fehma illi l-kumpannija kienet tista` thallas id-djun taghha kollha fi zmien tnax-il xahar mid-data tax-xoljiment. L-istralcjarju baghat ukoll avviz tal-hatra tieghu lir-*

*Registratur ghar-registrazzjoni. Dawn id-dokumenti gew registrati fis-16 ta` Awissu 2006 ;*

*Illi fit-18 ta` Dicembru 2007 l-istralcjarju baghat ghar-registrazzjoni il-liquidation accounts liema dokumenti kienu gew verifikati minn awditur skond kif titlob il-ligi u li kienu jinkludu r-rapport tal-likwidatur, ir-rapport ta` l-awditur, l-iskema tad-distribuzzjoni u l-approvazzjoni tal-laqgha generali tal-kumpannija. Dawn id-dokumenti gew registrati fit-3 ta` Marzu 2008 u fit-3 ta` April 2008 gie pubblikat l-avviz dwar l-istralc tal-kumpannija skond il-ligi (kopja annessa u markata bhala dokument A) fejn gie notifikat li l-isem tal-kumpannija kellu jigi mhassar minn fuq ir-Registru gheluq it-tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta` tali avviz u cioe` fit-3 ta` Lulju 2008 ;*

*Illi minkejja l-imsemmija pubblikazzjoni s-socjeta` rikorrenti matul it-tlett xhur preskritti, jigifieri bejn it-3 ta` April 2008 u t-3 ta` Lulju 2008, ma ghamlet ebda oggezzjoni ghat-thassir ta` l-isem tal-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited (C 17683) ;*

*Illi ghaldaqstant fl-4 ta` Lulju 2008 gie pubblikat l-avviz iehor illi b`effett mit-3 ta` Lulju 2008 l-isem tal-kumpannija in kwistjoni kien gie mhassar minn fuq ir-Registru (kopja annessa u markata bhala dokument B) ;*

*Illi f`dan il-kaz ir-Registratur mexa skond il-ligi, b`mod korrett u diligenti ;*

*Illi fit-tieni lok ir-Registratur ghandu interess illi jigu osservati b`mod preciz id-dizposizzjonijiet tal-ligi u f`dan il-kaz in partikolari l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpanniji, illi a tenur tieghu qed issir din il-kawza ;*

*Illi l-imsemmi artikolu 300B jirrikjedi illi i) ir-rikors ghandu jsir minn persuna illi ghandha interess ; ii) il-Qorti trid tkun sodisfatta illi l-istralc u thassir tal-kumpannija kien ivizzjat minn frodi jew illegalita` ta` natura materjali u iii) il-Qorti ghandha tilqa` t-talba biss kemm-il darba dan ikun l-uniku rimedju ghar-rikorrent. F'dan ir-rigward, u partikolarment dwar jekk kienx hemm xi frodi jew illegalita, ir-Registratur jirrimetti ruhu ghall-provi u ghad-decizjoni tal-Qorti ;*

*Illi skond l-istess Artikolu 300B, kemm-il darba l-Qorti tilqa` t-talba sabiex l-isem ta` kumpannija jerga` jitpogga fuq ir-Registru u l-istralc jerga` jinfetah, allura l-Qorti ghandha tispecifika l-iskop u l-perijodu li ghalih ghandu jinfetah l-istralc u ghandha taghti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kundizzjonijiet li jkunu xierqa. Fl-ahharnett l-Artikolu 300B jipprovdi illi l-Qorti ghandha tiddetermina jekk l-ordni u d-direttivi taghha ghandhomx ikunu effettivi fir-rigward ta` kulhadd jew inkella ghandhomx japplikaw limitatament ghal persuni specifici li jkunu ndikati fis-sentenza ;*

*Illi f'dan il-kaz il-konvenut Registratur m`huwiex jikkontesta l-possibilita` illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni jerga` jitpogga fuq ir-Registru u li l-istralc jerga` jinfetah jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi ghandha taghti tali rimedju fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Madankollu dan ir-rimedju huwa wiehed ta` natura eccezzjonali u ghandu jigi akkordat biss ghar-ragunijiet u esigenzi ta` gustizzja u pratticita` u kemm-il darba ma jkunx hemm rimedju iehor ;*

*Illi kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dan ir-rimedju eccezzjonali ghandhom jigu stabbiliti b`mod car l-iskop u l-perijodu li ghalih isem il-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited (C 17683) ghandu jitpogga fuq ir-Registru u li ghalih ghandu jinfetah l-istralc ; u ghandhom jinghataw dawk id-direttivi u jsiru dawk il-kondizzjonijiet kollha li din l-*

*Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa b`tali mod li jkun hemm kjarezza u certezza meta r-Registratur tal-Kumpanniji fil-funzjoni pubblika tieghu jkun jista` jipprocedi ghat-thassir definittiv tal-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited (C 17683) mir-Registru tas-Socjetajiet u tisi assikurata certezza dwar l-istatus tal-kumpannija u l-affarijiet ma jitwalux minghajr bzonn ;*

*Illi l-konvenut Registratur m`ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma` dan il-kaz.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-risposta tar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat ir-risposta ta' Peter Paul Darmanin prezentata fis-6 ta` Settembru 2010 li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti gie mharrek hazin in kwantu ma ghandux rappresentanza tal-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited u dana peress li l-inkarigu tieghu waqaf kompletament max-xoljiment ahhari tal-kumpannija ;*

*2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess is-socjeta` rikorrenti Lay Lay Co Limited ma ghandha l-ebda interess guridiku fir-restituzzjoni tal-kumpannija fir-registru tal-kumpanniji u dana peress li (a) il-proceduri kollha msemmija mir-rikorrenti (124/2010; 747/2006, u 773/2005) jikkoncernaw talba mis-socjeta` rikorrenti ghall-kancellazzjoni ta` ipoteka, izda max-xoljiment tal-kreditur l-effetti tal-ipoteka vis-a-vis is-socjeta` Alsan Enterprises Co Limited spiccaw ipso jure ; u (b) ix-xoljiment tal-kumpannija saret wara li giet intavolata dikjarazzjoni ta`*

*solvenza mid-diretturi u ghalhekk semai d-diretturi huma responsabbli ghal djun li talvolta setghu jezistu fil-mument ta` stralc fin-nuqqas ta` l-assi tal-kumpannija ;*

*3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal premess, jigi rilevat li l-istralc tal-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited saret biss wara li saru d-debiti notifiki pubblici mir-Registratur tal-Kumpanniji, b`liema kull persuna interessata kellha l-opportunita` li topponi ghall-istralc u s-socjeta` rikorrenti naqset li taghmel tali opposizzjoni. Fin-nuqqas tar-rikorrenti li tagixxi fiz-zmien prefiss mil-ligi, ma tistax issa f`dan l-istadju titlob li l-kumpannija tigi ravivata ;*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat in-nota ta` Alex Mercieca u Alpris Limited presentata fit-22 ta` Settembru 2010 li taqra hekk –

*1. Illi ghalkemm ma gewx indikati fl-okkju bhala intimati fil-kawza odjerna huma gew notifikati bir-rikors tas-socjeta` rikorrenti.*

*2. Fic-cirkostanzi ghalhekk huma xtaqu jirrilevaw is-segwenti :*

*Illi fl-ewwel lok bl-ebda mod ma huma legittimi kontraditturi fir-rikors odjern in kwantu Alpris Limited hija socjeta` assolutament distinta minn Alsan Enterprises Company Limited waqt li ghalkemm huwa minnu li Alex Mercieca kien direttur kull responsabilita` tieghu waqfet mal-hatra ta` likwidatur ;*

*Illi fit-tieni lok ir-rikorrenti jrid juri taht liema ligi t-talba tieghu hija msejsa ;*

*Fit-tielet lok il-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited giet stralcjata mil-likwidatur u r-Registratur tal-Kumpanniji skond il-ligi wara li nghataw d-debiti avvizi pubblici.*

Rat id-digriet taghha tal-1 ta` Novembru 2010 fejn akkordat it-talba ta` Modern Design Properties Limited u Polidano Holdings Limited sabiex jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis.*

Semghet u qieset il-provi.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tar-rikorrenti li kienet presentata fit-22 ta` Marzu 2011.

Rat in-nota responsiva tal-intimat Peter Paul Darmanin li kienet presentata fil-15 ta` April 2011.

Rat in-nota responsiva tal-intimat Registratur tal-Kumpanniji li kienet presentata fit-18 ta` April 2011.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta` Mejju 2011.

Semghet is-sottomissjonijiet finali li saru mid-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Provi</u>

Kien esebit estratt ufficjali tad-dokumenti tal-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited (C17683) ('Alsan') registrati fir-Registru tal-Kumpanniji ('Registru') (Dok RC1). Rilevanti minn dan id-dokument <u>ghall-fini tal-procedura tal-lum</u> huwa s-segwenti -

1) Fl-1 ta` Awissu 2006 Alex Mercieca, li kien direttur ta` Alsan, ghamel *declaration of solvency* li kienet registrat fil-11 ta` Awissu 2006.

2) Fl-1 ta` Awissu 2006, l-azzjonisti ghaddew *extraordinary resolution* ghax-xoljiment u stralc volontarju (*voluntary winding up*) ta` Alsan. L-avviz ta` din ir-risoluzzjoni kien registrat fil-11 ta` Awissu 2006..

3) L-intimat Peter Paul Darmanin kien appuntat stralcjarju fl-1 ta` Awissu 2006. Il-hatra kienet registrat fil-11 ta` Awissu 2006.

4) L-istralcjarju pprezenta r-rapport tieghu lir-Registratur fit-18 ta` Dicembru 2007.

5) Fir-rapport tieghu, l-istralcjarju ma jaghmel l-ebda riferenza ghal drittijiet a favur ta` terzi nkluz ipoteki.

6) L-avviz tat-thassir kien ippubblikat fit-3 ta` April 2008.

7) Alsan giet imhassra mir-Registru fit-3 ta` Lulju 2008

Fid-deposizzjoni tieghu, l-intimat <u>Peter Paul Darmanin</u> xehed li qabel nhatar bhala stralcjarju, hadd mid-diretturi ta` Alsan ma qallu xejn dwar kawzi li fihom

kienet involuta Alsan inkella dwar *potential claims* li seta` kien hemm kontriha permezz ta` ittri legali jew permezz ta` atti gudizzjarji. Huwa kkonferma li lanqas fir-rapport tal-accountant Robert Cassar (li kien inkarikat minn MGI Malta l-awdituri ta` Alsan) ma saret xi riferenza ghal kawzi pendenti jew *potential claims.* Lanqas wara l-hatra tieghu bhala stralcjarju, hadd ma avzah li kien hemm kawzi pendenti kontra Alsan u li ghalhekk kellu jiehu hsieb jassumi l-atti. Kompla jixhed hekk (fol 181) – *Peress illi mill-statement of affairs li hadt jien ma kienx jirrizulta illi l-kumpannija kellha kredituri, jien m`ghamilt l-ebda avviz fil-gazzetti sabiex nitlob lil kull potenzjali kreditur sabiex jaghmilli claim, dejjem bhala stralcjarju, ta` dak li kien qieghed jippretendi, u naturalment isostniha bid-dokumenti.*

Xehed ukoll <u>George Farrugia</u> *partner* tal-*audit firm* MGI Malta li kienu l-awdituri ta` Alsan. Meta nhatru huma, l-kumpannija kienet imnezza` kwazi ghal kollox mill-assi taghha. Alex Mercieca li kien l-azzjonista ta` maggoranza ta` Alsan ried ixolji l-kumpannija. MGI accettat li tkun involuta f`dan il-process u kienet hi li ngaggjat lil Peter Paul Darmanin bhala stralcjarju. George Farrugia kompla hekk –

*… l-unika haga … li ridna naghmlu biex inkunu certi li m`hemmx hidden liabilities … kienet dahlet ittra minghand avukati fejn infurmawna li hemm kawza … pendenti.*

George Farrugia kkonferma li fl-1 ta` Awissu 2006 Alsan kienet *solvent* ghax ghalkemm ma kellhiex assi, ma kellhiex djun hlief mad-diretturi stess.

Jaf li kien hemm *potential claim* li saret permezz ta` ittra li waslet minghand il-kumpannija rikorrenti qabel ma gew prezentati d-dokumenti lir-Registratur tal-Kumpanniji ghall-*striking off*.

Ikkonferma li l-istralcjarju kien jaf b`din ittra. Xehed hekk - *Fil-fatt hu rceviha u ghaddiehieli for my attention peress li kont qed nohodlu hsieb id-day to day …* Kompla jixhed hekk – *Sa fejn naf jien waslet ghandu ghax ahna l-indirizz li naghtu lir-Registratur huwa l-indirizz tal-istralcjarju. Jigifieri min indirizza ittra ufficjali lill-istralcjarju l-obbligu tieghu huwa li jindirizzaha fl-indirizz tieghu mhux ahna. Jigifieri li seta` gara ma` Paul Darmanin li rcevieha, ra li liquidation li qed niehdu hsieb ahna u ghaddieha minghajr ma ma taha attenzjoni …*

Bhala fatt l-ittra li ghaliha ghamel riferenza x-xhud ma setghetx tigi rintraccjata u ghalhekk ma gietx esebita.

Ix-xhud ikkonferma li la l-istralcarju u lanqas Robert Cassar li kien inkarikat minn MGI Malta ma ghamlu riferenza ghal din l-ittra fir-rapporti taghhom.

<u>Waqt il-kontroezami</u>, George Farrugia xehed hekk –

*… id-dokumenti for final strike off gew iffajljati bi zball, ma kenitx l-intenzjoni taghna li niffajljawhom. Konna taht tension, rajna l-file hemm, insejna x`hemm dokumenti u x`suppost nistennew u bi zball qbadnihom ma` dokumenti ohra li konna sejrin ghand ir-Registratur u ffajlajnihom …*

Ix-xhud ikkonferma li kienu jafu biss b`kawza wahda (mhux tlieta) li fiha kienet involuta Alsan.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Risultanzi</u>

Il-kumpannija rikorrenti qeghda ssostni l-istanza taghha abbazi ta` l-**Art.300B tal-Kap.386** li jaqra hekk -

*(1) Meta kumpannija tkun thassret minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpannija jkun restitwit fuq ir-registru u li l-istralc jerga` jinfetah.*

*(2) Meta, fuq rikors maghmul taht is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralc u t-thassir tal-kumpannija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpannija jkun restitwit fuq ir-registru u li l-istralc jerga` jinfetah ghal dawk ir-ragunijiet u ghal dak iz-zmien li l-Qorti tispecifika fid-decizjoni taghha, u l-Qorti ghandha taghti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*

*(3) Il-Qorti ghandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.*

*(4) Fid-decizjoni taghha l-Qorti ghandha wkoll tiddeciedi jekk l-ordnijiet u d-direttivi taghha jkunux effettivi favur il-persuni kollha jew jekk ghandhomx japplikaw limitatament ghal persuni specifiki indikati fid-decizjoni.*

*(5) Ma jista' jsir ebda rikors taht dan l-artikolu wara li jghaddu hames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpannija jkun thassar mir-registru.*

Fir-ricerka taghha tal-gurisprudenza li tolqot il-mertu tal-kawza tal-lum, din il-Qorti ltaqghet ma` zewg pronunzjamenti biss tal-Qrati taghna dwar l-Art.300B tal-Kap.386. Dawn il-pronunzjamenti kienu t-tnejn ta` din il-Qorti, pero` diversament presjeduta (PA/GV) **:** l-ewwel wiehed inghata fit-**2 ta` Frar 2007** fir-Rikors Nru. 1108/2006 fl-ismijiet ***"Rikors konguntiv ta' George***

***(401744M) u Maruccia (217951M) konjugi Muscat ai termini tal-Artikolu 300B ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta)"*** u t-tieni wiehed tad-**<u>19 ta` Novembru 2007</u>** fil-kawza fl-ismijiet "***Salvatore Pisani vs Registratur tal-Kumpanniji".*** Iz-zewg kazi kienu jirrigwarda socjetajiet *en nom collectif* mhux kumpannija bhal fil-kaz tal-lum.

Fl-ewwel kaz, is-socji ddecidew li jxolju s-socjeta' in kwistjoni. Meta r-Registratur tal-Kumpanniji kien avzat bid-decizjoni ta' xoljiment ha l-passi necessarji sabiex is-socjeta' tigi kancellata mir-Registru kif fil-fatt sar. Gara pero` li meta sar il-kancellament, is-socjeta` kien ghad kellha assi mmobbli registrati f'isimha li kienu ghadhom ma ddevolvewx fuq is-socji f'isimhom personali jew fuq terzi. Ghalhekk saret talba lill-Qorti sabiex is-socjeta` ma tibqax mhassra mir-registru sakemm tiddisponi mill-propjeta`, u mbaghad wara lid an isir, tkun tista` tithassar b`mod definittiv. Il-Qorti laqghet it-talba ghax sostniet li t-thassir tal-kumpannija sar bi zball.

Fit-tieni kaz, wiehed miz-zewg socji miet u ma nhatar hadd minfloku. Is-socju rimenanti xolja s-socjeta` meta s-socjeta` kien ghad kellha dejn x`jithallas lil terzi kif ukoll propjeta` mmobbli x`tigi trasferita. Ghalkemm sar l-avviz tax-xoljiment, l-ebda kreditur ma resaq biex jaghmel *claim* u s-socjeta` thassret mir-registru. Is-socju rimanenti talab sabiex is-socjeta` terga` titpogga fir-registru sabiex jithallas id-dejn lil terzi u l-propjeta` mmobbli tigi trasferita lilu u mbaghad tithassar b`mod definittiv. Il-Qorti laqghet it-talba billi kienet tal-fehma l-procedura ghat-thassir tas-socjeta` kienet inkompleta.

Din il-Qorti accennat ghall-meritu taz-zewg decizjonijiet sabiex wiehed jifhem ghala d-decizjonijiet kienu dawk li kienu. Din il-Qorti trid pero` tissottolinea li l-procedura skond l-Art.300B, bhal dik skond l-Art.300A, tal-Kap.386, ghalkemm huma proceduri distinti u ghandhom jigu intavolati ghal ragunijiet kompletament diversi,

ghandhom fl-istess waqt *a common denominator* u cioe` li jistghu jitressqu, wara li kumpannija tithassar mir-registru, u r-ragunijiet iridu jkunu eccezzjonali, fl-ambitu ta` dak li kull disposizzjoni tahseb ghalih distintament.

F`dan il-kuntest, din il-Qorti tghid li, fil-konsiderazzjoni tat-talba tal-kumpannija rikorrenti fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ma tistax twarrab fil-genb ir-rekwizit li sabiex tkun tista` tqis dik it-talba favorevolment, irid jirrizulta li l-istralc u l-kancellament ta' l-kumpannija kien vizzjat bi frodi, jew illegalita` ta' natura materjali. Huwa propju dan li jrid jirrizulta l-ewwel qabel tghaddi ghal konsiderazzjonijiet ohra.

Il-procedura skond l-Art.300B mhijiex intiza sabiex tfejjaq kwalunkwe att ta' traskuragni jew negligenza li jitwettaq matul l-istralc ta' kumpannija. Frodi jew illegalita` materjali huma atti serji u *di regola* eccezzjonali u ghalhekk meta titressaq talba bil-procedura skond l-Art.300B din ghandha tintlaqa` biss jekk jigu pruvat ir-rekwizit li tesigi l-ligi. Propju ghaliex il-procedura mhijiex intiza semplicement sabiex jinstab rimedju ghal zbalji jew nuqqasijiet ohra fil-konduzzjoni tal-procedura ta' stralc.

Fil-kaz tal-lum, kien kreditur li rrikorra ghall-procedura skond l-Art.300B. Anke ghaliex it-tmexxija ta` kumpannija hija fondata *on public trust* il-Qrati ghandhom ighassu kontra kull tentattiv ta` abbuz. Id-diretturi u l-azzjonisti m'ghandhomx jipprocedu ghax-xoljiment u stralc <u>volontarju</u> (kif kien il-kaz tal-lum) ta` kumpannija b'leggerezza jew meta ma jkollhomx *le carte in regola* specjalment fejn bl-atti taghhom jistghu jippregudikaw l-interessi ta` terzi. Jekk jimxu b`dak il-mod ikunu qeghdin jiksru l-ligi. Id-*declaration of solvency* mhijiex semplicement formola ohra fost ohrajn izda ggorr maghha responsabilita` kbira ghax trid tassikura t-trasparenza u l-*bona fides*. Specjalment meta jissussisti pregudizzju ghal terzi, qorti ghandha tkun inflessibbli, u ma ghandhiex tippermetti li, meta l-agir ta` l-ufficjali jew l-azzjonisti ta`

kumpannija jirrizulta li kien irregolari, ma jippruvawx jinhbew wara mitt raguni sabiex jittentaw jaharbu mir-responsabilita` taghhom. Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid li ma kienx trasparenti dak li wassal ghax-xoljiment tal-kumpannija u kienet tistenna aktar serjeta` ahjar mill-awdituri tal-kumpannija u specjalment mill-istralcjarju fil-konduzzjoni tal-istralc. Li kieku kollox mexa sewwa, skond il-ligi u skond ir-regoli tal-buon sens, u allura li kieku l-pretensjonijiet li terzi ghandhom kontra Alsan, u li huma mertu tal-kawzi li ghalihom ghamlu riferenza r-rikorrenti u l-intervenuti fil-kawza, ittiehdu in konsiderazzjoni fil-procedura tal-istralc <u>qabel</u> ma` l-atti gew trasmessi bl-ghagla jew taht pressjoni (ara x-xhieda ta` George Farrugia) lir-Registratur tal-Kumpanniji, forsi ma kienx ikun hemm il-htiega li l-kumpannija rikorrenti tirrikorri ghall-procedura skond l-Art.300B hekk kif saret taf li Alsan giet mhassra mir-Registru.

Din il-Qorti mhijiex konvinta li sar zball. Alex Mercieca li kien azzjonista u direttur kien jaf bil-pendenzi li kien hemm mal-kumpannija rikorrenti. *Eppure* mexxa b`*declaration of solvency* li njorat ghal kollox dak il-fatt. L-illegalita` baqghet tippersisti meta l-istralcjarju baqa` ma nghatax stampa vera tal-qaghda vera u shiha tal-kumpannija. Min-naha tieghu, l-istralcjarju wera nkompetenza shiha u grossolana meta ma ghamel l-ebda accertament tal-eventwali pretensjonijiet ta` terzi kontra l-kumpannija bil-konsegwenza li halla prattikament ghal kollox f`idejn min kellu l-interess li l-istampa korretta tal-kumpannija tibqa` mistura. Dan mhuwiex mod kif ghandu jigi kondott stralc specjalment meta volontarju. Anzi din il-Qorti tghid li specjalment meta l-istralc ikun volontarju, il-kawtela, l-attenzjoni u l-vigilanza tal-istralcjarju ghandhom ikunu fil-massimu taghhom. Leggerenza l-aktar meta tkun evidenti jew grossolana tammonta ghal agir illegali.

Is-sentenza fil-kawza **"<u>Maria Abela noe vs Emmanuel Cachia et</u>"** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/TM) fl-20 ta` Marzu 2003 kienet kawza fejn il-meritu kien ghadu regolat bil-

*Commerial Partnerships Ordinance* mhux bil-Kap.386. Li gara hemm kien li socjeta` en nom collectif kienet giet dikjarata xjolta u in segwitu giet imhassra mir-Registru. Wiehed mis-socji kien iddikjara mar-Registratur illi *all the liabilities of the said partnership with third parties have been settled accordingly* meta ma kienx tassew hekk. Ghalhekk kien allegat li d-dikjarazzjoni kienet frawdolenti. Saret ghalhekk talba lill-Qorti sabiex tiddikjara li t-thassir tas-socjeta' sar hazin a bazi ta' dikjarazzjoni frawdolenti u ghalhekk il-Qorti kienet mitluba tiddikjara li t-thassir tas-socjeta` mir-Registru kien null u bla effett ghax kien vizzjat.

Issa din il-Qorti mhux qeghda ticcita minn din is-sentenza fil-kuntest <u>strett</u> tal-kwistjoni jekk skond il-*Commercial Partnerships Ordinance* kienx hemm prekluzjoni assoluta li socjeta` li tigi stralcjata setghetx terga` tigi *risuscitata.* Taht l-*Ordinance* huwa pacifiku li kien hemm *lacuna* li wasslet ghall-intervent interpretattiv tal-Qrati taghna (ara <u>**“Dr. Leslie Grech vs Registratur tas-Socjetajiet”**</u> tad-9 ta' Ottubru 1979, <u>**“Mayflower Co. Ltd. et vs Registratur tas-Socjetajiet”**</u> tat-22 ta' Jannar 1999, <u>**“Migdal Insurance Co. Ltd et vs Paul Mizzi noe”**</u> tat-18 ta` Mejju 2001 u <u>**“Barbara vs El-Ferghani”**</u> tal-5 ta' Ottubru, 2001).

Taht il-Kap.386, li huwa r-regime ta` dritt li jirregola l-kaz tal-lum, ma ghadhx hemm kwistjoni f`dak is-sens ghaliex kien introdott ir-rimedju skond l-Art.300A u 300B ghalkemm din il-Qorti terga` tishaq u soostni li r-rimedju ghandu jkun *of strict application*, straordinarju u eccezzjonali.

Pjuttost din il-Qorti qeghda tirreferi ghal dik is-sentenza <u>**limitatament**</u> dwar il-kwistjoni tal-frodi u l-illegalita`.

Ghax f`dik il-kawza il-Qorti applikat ghall-kaz dak li kien inghad f` **<u>“Migdal Insurance Co. Ltd et vs Paul Mizzi noe”</u>** (op. cit.) dwar l-analogija mar-rimedju *actio pauliana.* F`din l-ahhar kawza, il-Qorti ordnat il-kancellament tat-thassir tal-kumpanija, u ordnat lir-Registratur tal-Kumpaniji jerga’ jpoggi l-kumpanija fuq ir-registru sabiex il-kredituri tal-istess kumpanija jkunu jistghu jipprocedu kontra taghha.

Kien riaferrmat il-principju tad-dritt li fl-*actio pauliana* huwa rikjest il-*consilium fraudis*, li mhuwiex l-istess bhall-intenzjoni li tirreka dannu ; din l-intenzjoni mhix mehtiega sabiex tregi l-actio pauliana. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **<u>“Camilleri vs Agius”</u>** deciza fit-23 ta’ Novembru, 1934, fuq l-iskorta tal-Baudry - *“la frode pauliana diferisce notevolmente dal dolo, nel senso che non suppone come questo l’uso di manovre sleali. Non e’ nemmeno necessario che il debitore abbia agito coll’ intenzione di nuocere ai suoi creditori; basta che abbia avuto conoscenza del pregudizio che cagionava loro”*. (ara wkoll **<u>“Ciancio vs Buontempo”</u>** - Appell – 20 ta` Novembru, 1950 u **<u>“Bellia vs Grech”</u>** – Prim`Awla tal-Qorti Civili - 6 ta’ Ottubru 1999).

F`dak il-kaz il-Qorti sabet li s-socjeta’ kienet taf, jew messha kienet taf, li t-thassir taghha kien se jkun ta’ pregudizzju ghal-krendituri, ghax kienet taf li kien hemm kreditur partikolari li kellu kawza pendenti kontra taghha u li, bit-thassir tal-kumpanija minn fuq ir-registru, kien se jinholoq pregudizzju minhabba li l-allegat debitur, is-socjeta` konvenuta fil-proceduri pendenti, giet mhassra u kwindi ma baqghetx tezisti. Kompliet issostni li l-krendituri ghandhom interess jsibu s-socjeta’ allegata debitrici intatta u bla ma jkun imqassam xejn bejn is-socji u dana sabiex, fl-ewwel lok, ikunu jistghu jezercitaw kontra taghha kwalunkwe sentenza li tista’ tinghata favur taghhom. Darba l-assi tas-socjeta jinqassmu bejn is-socji, dawn jidhlu u jiffurmaw parti mill-patrimonju individwali taghhom, bid-dritt li

jiddisponu minnhom liberalment. Ghalhekk kull kreditur kellu interess jara li dan ma jigrix qabel ma l-kumpanija tkun hallset id-djun kollha taghha. Dak kien kaz fejn is-socji kienu jafu b'kawza pendenti kontra s-socjeta', izda, cio nonostante, inharget dikjarazzjoni li d-djun kollha gew determinati, u intalbet it-thassir tas-socjeta' minn fuq ir-registru. Dan hu kollu agir illegali. Il-ligi ghandha tipprotegi l-interessi u d-drittijiet tat-terzi u ghandha tipprovdi rimedju meta dawn l-interessi jew drittijiet jigu injorati.

Din il-Qorti tghid li dawn l-insenjamenti huma applikabbli *mutantis mutandis* kemm ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum kif ukoll ghat-tifsira li ghandu jinghata l-kliem *l-istralc u t-thassir tal-kumpannija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali* fit-test tal-Art.300B tal-Kap.386.

Meta kumpannija tigi xjolta volontarjament, l-ewwel iridu jithallsu d-debiti jew jigu onorati l-obbligazzjonijiet taghha. U meta dan isir, li jibqa` jinqasam bejn l-azzjonisti.skond l-ishma rispettivi taghhom. Kumpannija ma tistax taghlaq il-kotba taghha meta jkun hemm debiti jew obbligazzjonijiet pendenti versu terzi. *Multo magis* meta l-krediti jew l-obbligazzjonijiet ta` terzi ma jieqfux fil-livell ta` semplici pretensjoni izda jkunu qabdu l-*iter* gudizzjarju kif gara fil-kaz tal-lum.

In kwantu ghar-risposta tar-Registratur tal-Kumpanniji, din il-Qorti tghid li abbazi tal-preponderanza tal-provi li rrizultaw fil-kaz tal-lum hija sodisfatta li jirrikorru r-rekwiziti tal-Art.300B kemm in kwantu jirrigwarda l-interess tal-kumpannija rikorrenti li tagixxi, kif ukoll in kwantu ghall-elementi kostitutivi tal-azzjoni. Fl-istess waqt, issostni li t-thassir tal-kumpannija de qua ma kienx imputabbli ghal xi nuqqas da parti tar-Registratur fil-qadi tad-dmirijiet tieghu, u in linea mal-aspettattivi u mal-prijoritajiet tar-Registratur, din il-Qorti sejra taghti l-

kondizzjonijiet sabiex isehh dak li trid il-ligi, ben konxja mill-eccezzjonalita` tal-procedura nnfisha.

In kwantu ghar-risposta ta’ l-istralcjarju, din il-Qorti tghid li d-difiza tieghu mhijiex sostennibbli fl-ewwel lok ghaliex huwa ghandu *locus standi* fil-kawza stante li kienet *ukoll* l-irregolarita` tieghu fl-inosservanza tad-disposizzjonijiet tal-Kap.386 bhala stralcjarju li wasslet ghall-azzjoni tal-lum,
fit-tieni lok ghaliex b`Alsan *struck off* mir-Registru il-kumpannija rikorrenti spiccat *fil-limbu* fil-proceduri pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u ghalhekk kellha l-interess li trid il-ligi sabiex tagixxi bil-procedura tal-lum, fit-tieni lok ghaliex l-illegalita` ta` min kien direttur ta` Alsan ma jinnewtralizzax l-illegalita` tal-istralcjarju guridiku tal-kumpannija rikorrenti li tagixxi huwa intatt, fir-raba` lok il-kumpannija rikorrenti pprezentat l-azzjoni taghha fit-terminu.

In kwantu ghan-nota ta` Alex Mercieca u ta` Alpris Limited, din il-Qorti mhux sejra tiehu konjizzjoni taghha stante li fl-ewwel lok ghaliex  Mercieca u Alpris Limited ma humiex parti fil-kawza, fit-tieni lok ghaliex ma ressqu l-ebda talba sabiex jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis*, fit-tielet lok ghaliex ebda parti ma talbet il-veduti taghhom, u fir-raba` lok ghaliex il-kontenut tan-nota mhuwiex konfermat bil-gurament.

In konkluzjoni din il-Qorti tghid li r-rekwiziti kollha tal-Art.300B tal-Kap.386 huma sodisfatti kollha.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, b`applikazzjoni tal-Art.300B tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk -**

**1) Tiddikjara li hija sodisfatta li dak li sejjer jinghad huwa l-uniku rimedju li ghandha l-kumpannija rikorrenti.**

**2) Tilqa` l-ewwel talba u tordna li l-isem tal-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited (C17683) jigi restitwit fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tilqa` t-tieni talba u tordna li jerga` jinfetah l-istralc tal-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited (C17683).**

**4) Tordna lill-intimat Peter Paul Darmanin sabiex jerga` jassumi l-funzjoni u l-obbligi kollha ta` stralcjarju tal-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited (C17683) sabiex b`effett mil-lum, u specifikament ghal dan l-iskop, bhala l-istralcjarju tal-istess kumpannija, jassumi l-atti tal-kawzi kollha pendenti li fihom din il-kumpannija hija konvenuta u joqghod ghall-gudizzju relattiv.**

**5) Tordna lill-intimat Peter Paul Darmanin sabiex fi zmien xahrejn mil-lum jghaddi, permezz ta` att gudizzjarju, lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji lista ta` l-kawzi li fihom il-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited (C17683) hija konvenuta.**

**6) Tordna li l-istralc tal-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited (C17683) ghandu jigi konkluz fi zmien perentorju ta` sitt xhur mid-data li fiha l-kawzi kollha li fihom din il-kumpannija hija konvenuta jghaddu in gudikat b`dan illi l-istralcjarju ghandu kull meta kawza tghaddi in gudikat javza b`att gudizzjarju lir-Registratur tal-Kumpanniji bid-data li fiha dik il-kawza tkun hekk ghaddiet in gudikat.**

**7) Tordna lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji sabiex, b`effett mid-data li fiha jaghlaq dan it-terminu ta` sitt xhur, ihassar b`mod definittiv l-isem tal-kumpannija Alsan Enterprises Company Limited (C17683) mir-Registru tal-Kumpanniji.**

**8) Tordna lill-intimat Peter Paul Darmanin sabiex ibati l-ispejjez tieghu. Tordna lill-istess Peter Paul Darmanin sabiex ihallas l-ispejjez tal-kumpannija rikorrenti u tal-intimat Registratur tal-Kumpanniji. Tordna li l-intervenuti fil-kawza jbatu l-ispejjez taghhom*.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------